SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

### Laqgħa Nru. 46/K8/18

Data tal-laqgħa: 10 ta' Mejju 2018

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-4.30 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Dott. Albert Buttigieg – Viċi-Sindku
Martin John Sultana – Kunsillier
John Agius - Kunsillier
Clayton Luke Mula – Kunsillier
Adrian Domenic Ellul - Kunsillier
Edgar Montanaro – Kunsillier
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1)) – (1)**

Clayton Tanti Gregoracy – Kunsillier (Inc. 3450/18)

**Assenti:** (0)

**Uffiċjal Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech - Skrivana

Preżenza tal-pubbliku – (1)

**Minuti**

Is-Sindku Guido Dalli ppresieda l-laqgħa.

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**46.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

46.1.01 Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy talab li jiġi skużat għal-laqgħa tal-Kunsill minħabba li ma setax jattendi.

46.1.02 Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li jiġi skużat għal-laqgħa.

**46.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

46.2.01 Iċ-Ċermen ressaq Minuti 44/K8/18 u Minuti 45/K8/18 għall-approvazzjoni.

46.2.02 Il-Kunsillier Vici Sindku Albert Buttigieg ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti 44/K8/18.

46.2.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah fl-approvazzjoni ta' Minuti 44/K8/18.

46.2.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

46.2.05 Il-Kunsillier Martin John Sultana ippropona l-approvazzjoni ta' Minuti 45/K8/18.

46.2.06 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah fl-approvazzjoni ta' Minuti 45/K8/18.

46.2.07 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti mqajjma mill-Minuti**

46.2.08 Il-Kunsillier Martin John Sultana qajjem il-punt dwar il-Grawnd tal-Futbol kif ukoll dwar l-ittra tad-Dar ta' l-Anzjani. Is-Segrarju infurmah li ser tintbagħat ittra lis-Sinjura Marisa Pisani d-Direttura għall-Gvern Lokali dwar id-Dar ta' l-Anzjani.

46.2.09 Il-Kunsillier Martin John Sultana qajjem il-punt dwar l-ATM ta' Ta' Giorni, huwa ġie nfurmat mis-Segretarju Eżekuttiv li l-bieraħ għalaq it-tender u llum qiegħda għal-laqgħa biex tiġi deċiża.

46.2.10 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg talab jekk kienx hemm żvillupi dwar il-*platform* li saret fi Triq Gort. Huwa ġie nfurmat li min-naħa tal-Kunsill intbagħatet bagħtniha lir-residenti iżda s'issa għadu ma wasal xejn minn għandhom.

46.2.11 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg qajjem il-punt jekk kienx hemm żvilluppi dwar it-*Town Management Committee* ta' Paceville. Huwa ġie nfurmat li s'issa għad m'hemmx żvilluppi fuq din il-materja.

46.2.12 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg qajjem il-punt dwar jekk kienx hemm żvilluppi dwar Triq Zammit Clapp. Huwa ġie nfurmat li s-siġar li tneħħew tħawwlu f'post ieħor. Qiegħed jiġi suġġerit li l-*area* fejn qed isir dan l-iżvillup jitneħħa l-parkeġġ li hemm għal waqt il-ħinijiet ta' kostruzzjoni filwaqt li filgħaxija jista' isir parkeġġ normali. Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li ser ikun qiegħed lill-Perit Pace min-naħa tiegħu.

46.2.13 Il-Kunsillier Martin John Sultana qajjem il-punt 44.4.06, jekk il-Perit tal-Kunsill kienx kellem lir-residenti ta' Tikka Flats fi Triq il-Kbira. Is-Segretarju informa lis-Sur Sultana li min-naħa tagħna ser nerġgħu nkellmu lill-Perit tal-Kunsill.

46.2.14 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg talab jekk kienx hemm xi żvillupi dwar l-ITS. Huwa ġie nfurmat li bħalissa qed issir l-oġġezzjoni min-naha tal-Kunsill. Il-Kunsill qiegħed jaqbel li meta issir l-oġġezzjoni din ser issir pubblika.

46.2.15 Il-Kunsillier Edgar Montanaro spjega dwar it-*to go car free sharing* fejn huwa attenda għal-laqgħa u spjega kif ser jitneħħew madwar 10 parkeġġi tal-karozzi madwar San Ġiljan.

46.2.16 Iċ-Ċermen qajjem il-punt dwar 44.3.02 – dwar it-Tower Crane li sar fi Triq San Gorg u li kellha ssir tabella biex l-*istage* li hemm mhux qed jintuża iżda dan xorta baqgħu jieqaf it-Transport Pubbliku. Huwa informa lill-Kunsill li saret laqgħa b'urġenza u ġie deċiż li l-*bus stop* ser tibqa' tintuża kif kienet oriġinarjament iżda importanti li isiru t-tabelli neċċesarji mat-*Tower Crane*.

46.2.17 Ġie deċiż li jitwaħħlu tabelli bl-isem ta' Triq Patrick Brydone fil-biċċa il-ġdida li saret bit-*tarmac* u sinjali tal-*Cul De Sac* biex juru li t-triq tagħlaq.

**46.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

46.3.01 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill dwar min ser ikun qiegħed jagħmel ir-*road markings* fejn saret it-Triq San Ġorġ, jekk din hux ser issir min-naħa tat-Transport Malta. Huwa ġie nfurmat li dawn ser ikunu qed isiru min-naħa tal-Kunsill.

46.3.02 *National Hearing* – din ser tkun qed issir għal-tlett gimgħat ġewwa l-Kunsill.

46.3.03 Iċ-Ċermen ġie nfurmat mir-Regjun dwar l-*EU Funds* u għada ser issir laqgħa madwarhom. Is-Segretarju informa lill-Kunsill li ma setax jattendi iżda din ġiet posposta. Huwa nforma lill-Kunsill li ġie maħtur persuna biex tikkordina applikazzjonijiet għall-fondi mill-Unjoni Ewropea.

46.5.04 Il-Kunsill Lokali tas-Sliema kellhom kaxxa blue tal-ħwejjeg li kienet ġewwa l-*Prince of Wales* u dawn talbu sabiex din titpoġġa ħdejn il-*bring in sites* li hemm fi Triq il-Kbira. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni filwaqt li għandu jsir *fencing* madwar il-*bring in sites.*

46.5.05 Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li t-tender dwar l-ATM tal-BOV intefgħu żewġ tenders tal-LBV u Grima. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li jintgħażel it-*tender* tal-LBV minħabba li hija l-aktar offerta vantaġġjuża.

46.5.06 Il-Kunsill ġie nfurmat dwar il-mawra li ser issir fil-Konstemikluz fejn ser jitilgħu s-Sindku Guido Dalli, il-Kunsillier Martin John Sultana u l-iskrivana Cher Carmen Fenech li ntagħżel bix-xorti. Iċ-Ċermen irringrazzja lis-Segretarju Ezekuttiv u lill-Kunsillier Clayton Luke Mula ta' l-organizzazzjoni li saret għall-attivita' li saret ġewwa l-Balluta minħabba li kienet tirrekjedi ħafna xogħol.

**46.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

46.4.01 Il-Kunsillier John Agius qajjem il-punt dwar il-kuntrattur ta' l-*advertising bollards* li hemm madwar il-lokalita' huwa ġie nfurmat li s'issa dawn ma tħallsux iżda ser tinfetaħ kawża legali. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din terġa tittela' laqgħa oħra.

**46.5 Kuntratt tal-Parks & Gardens;**

46.5.01 Iċ-Ċermen qajjem il-punt dwar il-problema tal-Kuntratt tal-*Parks & Gardens* minħabba li dan mhux qiegħed jimxi ma' kif inhu mitlub mill-kuntratt. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li nieħdu parir mingħand l-Avukat tal-Kunsill sabiex jitwaqqaf il-kuntratt. Dwar il-pagamenti l-Kunsill ser ikun qieghed jivverifika l-pożizzjoni tiegħu u għalhekk il-pagament ta' WM Environment ser jiġu sospiżi.

**46.6 Talbiet żgħar;**

**46.6.01 Email mingħand is-Sinjura Lucienne Zarb sabiex isir *banner* (Inc. 2592/18)**

46.6.01.01 Saret referenza għall-korrispondenza għall-email mingħand is-Sinjura Lucienne Zarb sabiex isir banner. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġeżżjoni.

**46.6.02 E-mail mingħand is-Sinjura Marie-Jeanne Borg dwar Ċirkulari SPI 3 2018 – Skema ta' Tagħlim u Proġetti Edukattivi fil-Komunita' (Inc. 2625/18)**

46.6.02.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sinjura Marie-Jeanne Borg dwar Ċirkulari SPI 3/2018 – Skema ta' Tagħlim u Proġetti Edukattivi fil-Komunita'. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma japplikax ghaliha.

**46.6.03 Ittra ta' riżenja tas-Sinjura Josianne Cutajar (Inc. 2764/18)**

46.6.03.01 Saret riferenza għall-ittra ta' riżenja tas-Sinjura Josianne Cutajar. Is-Segretarju informa lill-Kunsill li sar il-proċess. Il-Kunsill irringrazzja lis-Sinjura Cutajar għas-servizz li tat matul dawn is-snin. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li nħarġet sejħa għal skrivan fuq skala 15 iżda s'issa għadu ħadd ma applika.

**46.6.04 Email mingħand l-Overcomers' chapel dwar musical concert application (Inc. 2958/18)**

46.6.04.01 Saret referenza għall-email mingħand l-Overcomers' chapel dwar musical concert application. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma jsib l-ebda oggezzjoni.

**46.6.05 Email mingħand is-Sur Kurt Guillauimer dwar Wied Għomor (Inc. 3020/18)**

46.6.05.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Kurt Guillauimer dwar Wied Għomor. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ssir laqgħa magħhom.

**46.6.06 Email mingħand is-Sinjura Marika Borg Wirth dwar Transport għal attivita' (Inc. 3045/18)**

46.6.06.01 Saret referenza għall-email mingħand is-Sinjura Marika Borg Wirth dwar Transport għal attivita'. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**46.6.07 Talba għal-Carrier Break tas-Sinjura Marilyn Demanuele (Inc. 3099/18)**

46.6.07.01 Saret referenza għat-talba għal Carrier Break tas-Sinjura Marilyn Demanuele. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill

ma jsib l-ebda oġġezzjoni filwaqt li s-Segretarju nforma lill-Kunsill li ser tinħareġ sejħa għal persuna *back to back.*

46.6.08.02 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ġiet skużata fis-7.00p.m.

**46.6.09 Ittra mingħand is-Sinjura Tiziana Abela Sammut f'isem il-Malta Public Transport dwar St. Julian's Local Council: e-moto Project (Inc. 3171/18)**

46.6.09.01 Saret riferenza għall-ittra mingħand is-Sinjura Tiziana Abela Sammut f'isem il-Malta Public Transport dwar St. Julian's Local Council: e-moto Project. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ssir laqgħa magħhom.

**46.6.10 Email mingħand is-Sinjura Nicola Said dwar ħsara li għamlet fil-vettura tagħha fi Triq il-Kbira kawża ta' ħofra. (Inc. 2407/18)**

46.6.10.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sinjura Nicola Said dwar ħsara li għamlet fil-vettura tagħha fi Triq il-Kbira kawża ta' ħofra. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li dan l-ammont jitħallas.

**46.6.11 Email mingħand is-Sur Phillippe Gatt f'isem l-Streetcom dwar Champions League Final u Amici Final (Inc. 3210/18)**

46.6.11.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Phillippe Gatt f'isem l-*Streetcom* dwar Champions League Final u Amici Final. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jaqbel ma' din il-proposta dment li l-kuntrattur jħalli l-post nadif.

**46.6.12 Email mingħand is-Sur Christian Debono Sant Cassia dwar urgent roadworks considerations for Triq San Ġorġ (Inc. 3216/18)**

46.6.12.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Christian Debono Sant Cassia dwar *urgent roadworks consideration* għal Triq San Ġorġ. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din ma tistax issir.

46.6.12.02 Il-Kunsillier Martin John Sultana ġie skużat fis-7.10p.m.

**46.07 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat Amministrattiv;**

46.07.01 Iċ-Ċermen ressaq Minuti 40/KA2/18 għall-approvazzjoni. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li jiġu approvati.

**46.08 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti;**

46.8.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'A')

46.8.02 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

46.8.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

**46.09 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

46.09.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 4416 sa 4439. (Ara Appendiċi 'B')

46.09.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni ta' l-imsemmija Purchase Request Sheets.

**46.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

46.10.01 Il-laqgħa li jmiss ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 15 ta' Ġunju 2018 fl-4.30p.m.

46.10.02 Il-laqgħa ntemmet fis-7.35p.m.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data:** 15 ta' Ġunju 2018